32005R1855

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1855/2005

ta' l-14 ta' Novembru 2005

jissupplimenta l-Anness mar-Regolament (KE) Nru 2400/96 fir-rigward tad-dħul ta' ċertu ismijiet fir-Reġistru ta' denominazzjoni protetta ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Mela Alto Adige or Südtiroler Apfel — [PGI], Asperge des Sables des Landes — [PGI], Pâtes d'Alsace — [PGI], Jamón de Trevélez — [PGI], Oliva Ascolana del Piceno — [PDO])

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat t-rattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 tal-14 ta' Lulju 1992 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjoni ta' l-oriġini tal-prodotti agrikoli u l-prodotti ta' l-ikel [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(3) u (4) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92, l-applikazzjoni Taljana għar-reġistrazzjoni taż-żewġ ismijiet "Mela Alto Adige" jew "Südtiroler Apfel" u "Oliva Ascolana del Piceno", l-applikazzjoni Franċiża għar-reġistrazzjoni taż-żewġ ismijiet "Asperge des Sables des Landes" u "Pâtes d'Alsace", l-applikazzjoni Spanjola għar-reġistrazzjoni tal-isem" Jamón de Trevélez" ġew ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea [2].

(2) Peress li l-ebda objezzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92 ma ntbagħtet lill-Kummissjoni, dawn l-ismijiet għandhom jiddaħħlu fir-reġistru ta' deskrizzjoni ta' oriġini protetti u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-ismijiet fl-Anness għal dan ir-Regolament huma miżjuda fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2400/96 [3].

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara d-data tal-pubblikazzjoni tiegħu fi *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 14 ta' Novembru 2005.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 208, 24.7.1992, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1).

[2] ĠU C 12, 18.1.2005, p. 20 (Mela Alto Adige jew Südtiroler Apfel);
ĠU C 47, 23.2.2005, p. 2 (Asperge des Sables des Landes);
ĠU C 47, 23.2.2005, p. 6 (Pâtes d'Alsace);
ĠU C 51, 1.3.2005, p. 2 (Jamón de Trevélez);
ĠU C 59, 9.3.2005, p. 33 (Oliva Ascolana del Piceno).

[3] ĠU L 327, 18.12.1996, p. 11.

ANNESS

Il-prodotti elenkati fl-anness i għat-trattat tal-KC, maħsub għall-konsum tal-bniedem

Prodotti tal-laħam (imsaħħan, immellaħ, iffumigat, eċċ.)

SPANJA

Jamón de Trevélez [PGI]

Frott, ħxejjex, ċereali, proċessati jew le

L-ITALJA

Mela Alto Adige jew Südtiroler Apfel [PGI]

Oliva Ascolana del Piceno [PDO]

FRANZA

Asperge des Sables des Landes [PGI]

Oġġetti tal-ikel imsemmija fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92:

Għaġin

FRANZA

Pâtes d'Alsace [PGI]